**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 28**

**Avviz Nru: 695/01 JB**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u in rappresentanza tad-ditta assikuratrici estera CGU Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Micallef**

**vs**

**Mary Anne Agius**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm374.63c (tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-12 ta' Settembru 1998, gewwa l-Marsa bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAI 756

misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru EBC 539 propjeta' tal-attur, u misjuqa minnhu, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta'Lulju 2000, u t'ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment mat-Talba kontra l-Assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenuta eccepiet, illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi l-incident 'de quo' sehh unikament tort tas-sewwieq tal-vettura assikurata mis-socjeta' attrici u cioe' Philip Micallef u dana minhabba traskuragni, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Salv ecczzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkonsedera

Illi f'dan l-incident qed jigi allegat u din hija d-difiza konvenuta – li ghalkemm saret il-habta, l-konvenuta tilfet il-kontroll tal-vettura taghha.  Seduta stante, gie allegat li kien hemm xi roqgha diesel. L-istess assigurat tal-attur ikkonferma li kien hemm roqgha zghira. Pero' kif tajjeb irritjena s-Surgent tal-Pulizija, hadd mis-sewwieqa

m'allega dan 'a tempo vergine'. Inoltre fuq il-lok tal-incident huwa ma rreavviza l-ebda diesel.

Ikkonsidera

Illi s-sewqan odjern m'ghadhux wiehed facli aktar u aktar meta jigi konsiderat li sia l-utenti tat-triq zdiedu vortegjozament, l-ghaggla fis-sewqan u fatturi ohra li jistghu mmankabbilment jikkontribwixxu ghall-okkorenza t'incidenti simili. Huwa pacifiku illi t-triq fejn sar l-incident merit ta' din il-kawza hija wahda mill-aktar toroq traffikuzi f'Malta, apparti arterja principali tas-sistema vetturali nazzjonali. Minn dik it-triq jghaddu eluf ta' vetturi kuljum. Pero' kif xehed is-surgent dakinhar dik il-habta biss giet raportata.

Illi f'certi kazijiet, l-esistenza ta' materjal u/jew likwidu li ma jkunx fi stat naturali – bhal e.g. zejt flok ilma tax-xita – tkun tista tigi sollevata d-difesa ghas-sinistru. Ghandhu jigi attirata l-attenzjoni li mhux dejjem dan ikun il-kaz, ossia meta tkun kombaccjata ma fatturi ohra. Kif riportat fis-sentenza "John Buhagiar et vs Roseanne Gerada' (Avviz Nru. 1484/99 DM) il-fatt singolarment tal-esistenza ta' diesel jew zejt mhux bizzejjed. Irid jigi stabbilit ukoll jekk persuna normali f'dawk ic-cirkostanzi li ssib ruhhom ma titlifx il-kontroll fuq il-vettura taghha u dana specjalment minhabba nuqqas t'esperjenza, nuqqas t'attenzjoni u nuqqas t'imprudenza u imperizja.

Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, kienet unikament il-konvenuta li rrnexxielha tiskiddja. Ma rrizultax li haddiehor ghamel bhala sia qabel u sia wara. Hi ghalhekk ghandha tirrispondi fil-konfront tas-socjeta' attrici ghad-danni subiti. Relattivament ghad-danni, s-somma komplesiva ta' Lm374.63 (tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) ma giex kontestata ai termini tal-verbal tas-seduta tad-9 t'April 2002 u b'hekk qed jigu konsiderati bhala pruvati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundannaha thallas is-somma kif mitluba ta' Lm374.63 (tlett mija u erbgha u sebghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu) in linea ta' danni.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-9 t'Awissu 2001 sad-data tal-prezentata kontra l-istess konvenuta.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**